SAN LAWRENZ

MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU. 18 L-Erbgħa 6 ta' Settembru 2016

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fit-3.00 pm

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Noel Formosa | Sindku |
| Anthony Formosa | Vici Sindku |
| Franco Buhagiar | Kunsillier |
| Joseph Cauchi | Kunsillier |
| Carmen Grima | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Aġent Segretarju Eżekuttiv Uxxenti |
| Sarah Formosa | Segretarju Eżekuttiv Prospettiva |

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

1.0 Approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar laqgħa.

1.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

2.0 Punti mill-minuti

2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lil-Kunsill li s-Sinjura Josianne Cassar ma aċċettax il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. B'direzzjoni tad-Dipartiment, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv sejħet lis-Sinjura Sarah Formosa, li skont l-merit order, kien imiss lilha biex tiġi msejħa għal din il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv.. Is-Sinjura Formosa aċċettat din il-kariga u wegħdet li se taħdem id f'id mas-Sindku u l-Kunsilliera għall-ġid tar-raħal u r-residenti.
Is-Sindku ta merħba lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid Sarah Formosa u nforma lill-Kunsill li minn naħħa tad-Dipartiment qed issir il-ħidma biex issir l-approvazzjoni uffiċjali u jidher li ser ikun hemm kontinwazzjoni tajba tax-xogħol li kien għaddej. Huwa qal li s-Sinjura Formosa għandha esperjenza tajba tal-Kunsilli Lokali, tax-xogħol rikjest u anke tal-liġi. Huwa nforma wkoll li għalkemm is-sinjura Formosa għadha ma daħlitx fil-kariga b'mod uffiċjali, hi qed tieħu l-leave personali u qiegħda tidħol l-uffiċċju tal-Kunsill kuljum.
Wara l-merħba s-Sindku kompla billi rringrazzja lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv uxxenti Lucienne Haber tax-xogħol siewi li wettqet mhux biss matul din l-aħħar sena kemm ilha fil-kariga, imma wkoll għall-ħidma tagħha fil-Kunsill għal aktar minn għoxrin sena. Huwa qal li Lucienne illum hija parti mir-raħal mhux biss għaliex ħadmet minn qalbha fl-uffiċċju tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv imma wkoll għaliex kienet strumentali fil-bini ta' Kunsill Lokali. Is-Sindku fakkar li hu u Lucienne kienu mill-bidu tal-Kunsill Lokali allura raw Kunsill jinbena u jiżviluppa li minnu gawda r-raħal u l-komunità ta' San Lawrenz. Is-Sindku flimkien ma sħabu l-kunsillera ippreżentaw rigal u kejk lis-Sinjura Haber sabiex jesprimu l-gratitudni lejha. Is-Sinjura Haber irringrazzjajt lil kulħadd u espremiet l-imħabba tagħha lejn ir-raħal u r-residenti u wegħdet li qatt ma hu ser tinsa din l-esperjenza li kellha fir-raħal ta' San Lawrenz.

2.2 Dwar il-Young Enterprise, is-Sindku semma li għadu qiegħed jipprova biex il-kors isir f' Għawdex ukoll, sabiex il-group tagħna ikun jista' jattendi aktar faċilment.

2.3 Dwar ix-xogħol li għaddej fuq il-playingfield, is-Sindku qal li iltaqa' mal-Inġinier Portelli fuq il-post - Triq Nicholas Monsarrat, u ftehmu li l-aħjar mod kif jgħaddu d-dawl huwa li jsir arblu tad-dawl mill-Enemalta fil-bidu tat-triq u b'hekk tinqasam it-triq biss u jgħaddi kollox minn taħt l-art flok minn nofs il-bankini. Din it-trinka issir mill-kunsill u għadna ingibu kwotazzjoni għax-xogholijiet. Kien hemm qbil dwar dan

2.4 Is-Sindku għaraf lil Kunsill li l-underground bring in sites ta' Triq Nicholas Monsasrrat, qegħdin jimtlew ta sikwit u meta navżaw biex jitbattlu, qed jgħaddi tul ta' żmieni biex jitbattlu b'konsegwenza li jkun hemm ħafna skart mall-art. Il-Kunsill qabel li nagħmlu agreement biex jitbattlu b'mod frekwenti.

2.5 Dwar l-istess suġeett is-Sindku kompla billi qal li l-bring in sites isaddu u jeħtieġ li tibidel il-parti imsadda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se tibgħat għall-kwotazzjoni għax-xogħol meħtieġ.

2.6 Dwar il-proġett tal-pjazza u l-funtana, is-Sindku qal li għandu jiltaqa' ma Joe Grima fi żmien qarib sabiex tkun tista issir stima tax-xogħlijiet għall-pump room li tinsab fil-pjazza.

3.0 Korrispondenza

3.1 Intbagħtet emejl mingħand is-sur Joe Fiteni sabiex issiru żewġ traffic humps fi Sqaq nr. 3 ta' San Ċier u oħra f'tarf Sqaq Ħobda minħabba sewqan eċċessiv minn karozzi ġejjien mill-Għarb. Il-Kunsill qabel li jagħmel żewġ traffic humps f'dik l-area.

4.0 European Mobility Week

4.1 Is-Sindku qara l-programm ta' kif se tkun imqassma l-European Mobility Week. Il-Kunsill qabel li jingħata premju lil dik il-persuna li tagħmel użu minn trasport pubbliku jew minn xi mezz ieħor, mhux karrozza. Din se tkun inizzjattiva biex jittnaqqas l-użu żejjed tal-karozzi fit-toroq. Il-Kunsillier Joseph Cauchi ssuġġerixxa li jingħata premju ta' bus card jew voucher b'somma ta' ħamsin ewro (€50). Il-Kunsill qabel li din idea tajba u li jingħata rigal hekk.

5.0 Swejjaq

5.1 Is-Sindki informa li l-arranġamenti għall-edizzjoni tas-Swejjaq li jmiss mexjin tajjeb ħafna. Huwa kompla jgħid li s'issa se jkollna madwar sittax-il parteċipant. Fosthom bejgħ ta' prodotti lokali, qsari u ħxejjex, antikitajiet u divertiment għall-familja kollha. Sar qbil li l-Kunsill għandu jġib tlett logħbiet kbar għat-tfal biex ikunu ta' attrazzjoni. Għandhom jerġgħu jiġu ordnati s-siġġijiet, umbrellel, imwejjed, street artist, wardens u affarijiet oħrajn. Sar qbil ukoll li għandhom isiru reklami bi ħlas fuq l-RTK, Għawdex Illum, u Facebook. Is-Sindku informa li twaħħlu diversi tabelli madwar Għawdex u li ppubblika stqarrija għall-istampa dwar l-attività.

6.0 Xiri ta' Laptop

SAN LAWRENZ

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn jinxtara laptop ġdid għas-Segretarju l-ġdid. Il-Kunsill qabel li jinxtara l-laptop.

7.0 Refurbising tal-uffiċċju tal-Kunsill

7.1 Is-Sindku wera l-konċern tiegħu rigward l-istat li jinsab fih il-Kunsill. Huwa qal li minn meta twaqqaf il-Kunsill ftit li xejn saru xogħolijiet ta' modernazzjoni tal-uffiċju bil-konsegwenza li l-image li qed nagħtu ma hix dik li nixtiequ. Fid-dawl ta' Segretarju ġdida ssuġġerixxa li għandna nieħdu l-okkażjoni biex isiru xi xogħolijiet li ma jkunux spejjeż kbar u jkollna riorganizazzjoni tal-uffiċju li jaqdu l-bżonnijiet tal-lum, biex ikun hemm iktar effiċċjenza għal-amministrazzjoni u iktar kumdita għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn sistema ġdida tat-telefons, dwal, jinżebagħ u jitkaħħal fejn hemm bżonn, li jingħalaq il-bieb u l-arkata bil-ħġieġ u anke jitwaħħal air conditioner ieħor. Ġie ssuġġerit li ikun tajjeb ukoll li inbiddlu l-għamara biex tkun kollha taqbel u tkun aktar komda għall-ispazju l-ġdid. Is-Sindku semma li huwa importanti li jekk ikun hemm qbil li tinbidel l-għamara tkun waħda li nkunu nistgħu nużawha fil-post il-ġdid li l-Kunsill beħsiebu jibni. Il-Kunsilliera Carmela Grima qalet li l-għamara għadha tajba kif inhi u m'hemmx bżonn li nibdluha. Il-Kunsilliera l-oħra sostnew li aħjar tara s-Segretarja l-ġdida kif l-aħjar li titqassam l-għamara għall-esiġenzi l-ġodda Kien hemm qbil li jsir hekk. Il-Kunsill qabel ukoll li ir-refurbishment isir f'żewg fażijiet, fejn fl-ewwel fażi jintbagħtu għall-kwotazzjonjiet tal-għamara u jinxtraw l-affarijiet kollha l-oħra tal-bżonn immedjat. Għat-tieni fażi, is-Segretarju għandha tlesti l-proposta kif se ssir l-għamara, u fil-laqgħa li jmiss ikun hemm deċiżjoni dwarha.

8.0 Bidu tal-proġett tal-Playing field

8.1 Il-Kunsill qabel li r-railing issir bħas-sample fejn dan jiġi galvanizzat u biż-żebgħa lest u jkun bil-garanzija, kif titlob l-offerta. .

9.0 Ħarga għall-anzjani

9.1 Is-Sindku ippropona li wasal iż-żmien li norganizzaw ħarga oħra għall-anzjani. Il-Kunsill qabel li issir l-Erbgħa 28 ta' Settembru u neħduhom f'restaurant Marsalforn.Il-Kunsill inkariga lis-Segretarja u l-istaff biex tieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' din il-ħarġa.

10.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

10.1 Ġiet ippreżentata l-lista tal-pagamenti għall-approvazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fuq direzzjoni tal-accountant se jkun hemm kontijiet li ilhom anke minn 2014. Billi,sirna nafu li hemm bilanċ pożittiv, wara eżerċizzju li sar mill-accountant, huwa importanti li dawn jibdew jinqatgħu kontijiet antiki. Il-Kunsill qabel li għandu japprova l-pagamenti kollha u joħroġ il-pagament tagħhom.

11.0 Materja ohra

11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn li jerġa' jiġi attivat in-numru ċellulari tal-Kunsill għall-użu tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jiġi attivat il-kuntratt.

11.2 Is-Sindku informa lil-Kunsill li wara l-kampanja u l-laqgħa li saret mal-Ministru Herrera biex il-Kunsill ikun membru fuq il-Kumitat tad-Dwejra, issa uffiċċjalment qed inkunu nklużi. Hu qal li b'din l-opportunità il-Kunsill reġa' sab postu kif ġustament għandu jkunu bħala l-Kunsill responsabbli mid-Dwejra.

11.3 Is-Sindku informa bil-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u xi residenti fi Triq it-Torri dwar hooks li magħhom jiddendlu boroż tal-iskart. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-materja u qabel li immeddjatment għandhom jitneħħew u minflok titwaħħal tabella biex ma jintremiex żibel.

11.4 Il-Kunsillier Joseph Cauchi ippropona li jsiru bins tal-ħadid għall-ġamar fid-Dwejra. Il-Kunsill qabel li jsiru u għadna niktbu lil Esther Bajada tal-Ministeru għall-Għawdex. Il-Kunsilliera Carmen Grima semmiet li kien hemm general waste bin f'zona partikolari fid-Dwejra li tneħħa, sar qbil li għandna nitolbu lil public clensing department biex jerġa" jitpoġġa.

11.5 Il-Kunsillier Joseph Cauchi issuġġerixxa biex qabel tibda' l-iskola għandna nagħtu pencil case personalizzata bl-arma ta' San Lawrenz lit-tfal. Il-Kunsill qabel li tingħata lit-tfal tal-primarja u s-Segretarja għandha tibgħat għall-istimi.

11.6 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li hu kellu laqgħa mas-Sur Mario Fava li huwa delegat tal-Partit Laburista. F'din il-laqgħa is-sur Buhagiar qal li wara li ddiskuta dawn il-materji mas-Sindku, huwa iddiskuta mas-Sur Fava kemm l-idea li issir devoluzzjoni tal-art fejn huwa propost li jinbena ċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid u l-idea ġa eżistenti tal-Kunsill tal- housing estate fi Triq it-Torri kantuniera ma Triq il-Ġebla tal-Ġeneral. Is-Sur Mario Fava analizza l-pjanta taċ-Ċentru Ċiviku u qallu se jagħmel li jista' rigward id-devoluzzjoni tal-art għaċ-Ċentru Ċiviku, pero huwa diffiċli li jiġi iffinanzjat mill-Gvern.Is-Sur Buhagiar semma l-proposta tal-Kunsill tagħna (wara l-laqgħa li kellu mas-Sindku) li forsi jkun hemm lok li naqdu l-Primary Health care tan-naħa tal-punent t'Għawdex kollu f'post wieħed, u dan isir parti minn dan iċ-Ċentru Ċiviku tagħna.
Rigward l-idea tal-housing wara li ra l-pjanti tal-Kunsill, is-Sur Fava qal li l-idea kienet waħda intelliġenti ħafna. Is-Sur Fava qal li se jkellem lil Prim Ministru u jekk dan japprova l-proġett, se ikun pass posittiv il-quddiem. Is-Sindku semma bil-proposta inizjali li dan jista' jkun proġett ta' public private partnership u hekk il-postijiet ikunu issusidjati għall-dawk l-anqas li jistgħu.
Is-Sindku irringrazzja lis-Sur Buhaġiar tal-impenn tiegħu biex wasall lill-Gvern dawn il-proġetti importanti li l-Kunsill ilu jaħdem fuqhom.

11.7 Il-Kunsillier Anthony Formosa talab biex jinqata l-ħaxix ta'pasaġġ fi Triq il-Wileġ. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

11.8 Il-Kunsillier Carmela Grima talbet biex jinqata l-ħaxix tal-passaġġ ta' taħt tad-Debba fit-Triq tad-Dwejra. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

11.9 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li skont iċ-Cirkulari 16/2016 il-Kunsilli huma fid-dmir li jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li n-nomina għandha tintbgħat lis-Sur Ivan Attard.

11.10 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-fatt li hemm il-ħtieġa li l-Council Attendant Sharon Mizzi tibda tidħol is-Sibtjiet. Hi qalet li kellha laqħha magħha u aċċettat li tibda tidħol meta jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

11.11 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-fatt li l-Prinċipal tal-Kunsill is-Sinjura Carmen Micallef tinsab imsiefra għall-tul ta'żmien b'konsegwenza li qed ikun hemm piż ta'xogħol fuq is-Segretarju. Hi issuġġeriet li l-istudenta li kellna fis-sajf is-Sinjorina Kimberley Gauci tibqa bħala għajnuna fil-Kunsill sakemm tiġi lura s-sinjura Micallef. Il-Kunsill qabel ma dan.

11.12 Il-Kunsillier Franco Buhagiar informa li kellu laqgħa mas-Sur Piscopo tal-MTA. Huma tkellmu dwar il-possibilta' ta live streaming camera fuq it-Tieqa tad-Dwejra. Is-Sur Buħagiar informah li l-Kunsill diġa' kien ħadem fuq proposta simili u qallu li skont l-istimi li irċivejna l-Kunsill ma jiflaħx għall-ispiża. Is-Sur Piscopo ppropona li bħala MTA jistgħu joffru l-webcam u kull ma jifdal huwa d-dawl u internet connection li tkun resposabbilità tal-Kunsill. Is-Sur Buhagiar qallu li kull ma hemm fid-Dwejra huwa generator. Is-Sur Buhaġiar kompla jgħid li forsi l-Kappillan jista' jgħin lil Kunsill billi nagħmlu connection mal-Kappella tad-Dwejra. Is-Sindku fakkar li l-ispiża ta' connection u tad-dawl hija waħda kurrenti allura ġibed l-attenzjoni jekk il-finanzi tal-Kunsill jifilħux għall spiża oħra kurrenti, dik tad-dawl u tal-internet. Is-Sindku saħaq l-unika possibilta' huma l-pannelli fotovoltaiċi, dwar il-connection tal-internet wieħed irid jara kemm hija l-ispiża.

11.13 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Financial Statements kif approvati mill-awdituri tal-Kunsill wara l-finalizazzjoni tal-awditjar taghhom. Il-Kunsill approva l-Financial Statements finali ghas-sena finanzjarja 2016.

Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa intemmet fl-5:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru fl-4:30pm.

Noel Formosa
Sindku

Lucienne Haber
Agent Segretarju Eżekuttiv